**23 ta' Mejju, 1960**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**
**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**
**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt, LL.D.**

Mary Xuereb ne. et.

*versus*

Nutar Emmanuele Agius.

**Nutar — Danni — Enfitewsi — "Ċirka".**

*In-nutar li jagħti lill-klijent tiegħu parir żbaljat bħala effett ta' nkurja gravi, jew 'gross neglicence", jirrendi ruħu ħati lejn dak il-klijent tad-danni derivanti mill-istess parir żbaljat.*

*Jekk f'kuntratt ta' konċessjoni enfitewtika temporanea ż-żmien rimanenti tal-enfitewsi jiġi ndikat bil-kelma "ċirka", din il-kelma, skond il-ġurisprudenza lokali, tkopri differenza biss ta' ħamsa fil-mija bejn iż-żmien li fil-kuntratt jiġi ndikat li baqa' biex tispiċċa l-enfitewsi u ż-żmien li fil-fatt ikun għad baqa' biex l-enfitewsi tispiċċa.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni preżentat fil- Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Reġina, li bih l-atturi, premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, billi l-konvenut, imqabbad bħala nutar mill-awtur tal-atturi biex jagħmel l-att tas-subkonċessjoni enfitewtika lil Giuseppe Micallef tal-mezzanin numru 20 Mensija Street, San Ġiljan, għall-perijodu rimanenti ta' 42 sena, kien tahom il-parir u ssuġġerielhom li jitniżżel, kif effettivament niżżel, fil-kuntratt relattiv publikat fis-7 ta' Marzu 1946, li dak il-perijodu rimanenti kien ta' 55 sena bl-aġġunta tal-kelma "Ċirka", iżda mingħajr ma għamel ebda limitazzjoni fil-patt tal-garanzija imwegħda lill-konċessjonarju; u billi, kif jirriżulta mill-kawża "Giuseppe Micalef vs. Elena Grech et." deċiża mill-Onorevoli Qorti tal-Appell fis-16 ta' Ġunju 1959, l-attriċi

nomine ġiet dikjarata responsabbli tad-danni lejn Micallef talli dak it-terminu residwali dikjarat ta' ċirka 55 sena kien fil-fatt biss ta' 42 sena, u konsegwenzjalment, bejn danni u spejjeż ġudizzjarji, l-attriċi sofriet l-ispiża ta' £169.8.9 (dok. A u B); talbu li l-konvenut, prevja jekk hemm bżonn id-dikjarazzjoni li fir-redazzjoni tal-kuntratt fuq imsemmi ta' konċessjoni enfitewtika, publikat fis-7 ta' Marzu 1946, huwa rrenda ruħu ħati, u kwindi responsabbli, versu l-attriċi nomine ta' żball grossolan u ta' nuqqas lampanti tad-diliġenza, attenzjoni u kapaċità mistennija fl-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu notarili, jiġi kundannat iħallas lill-istess attriċi, in linea ta' danni, l-imsemmija somma ta' £169.8.9, bl-imgħaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-ittra nterpellatorja tal-15 ta' Lulju 1958;

Rat is-sentenza tal-Ewwel Qorti tal-31 ta' Ottubru 1959, li biha ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni bijennjali eċċepita mill-konvenut, bl-ispejjeż għall-istess konvenut;

Rat l-ulterjuri nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha qal li l-azzjoni hija preskritta għax għaddew ħames snin, u dan in forza tal-art. 2261(f) tal-Kodiċi Ċivili, billi l-atturi naqsu li javanzaw il-pretensjoni tagħhom mid-data tal-publikazzjoni tal-att, ċjoè mis-7 ta' Marzu 1946; b'riżerva ta' eċċezzjonijiet oħra;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-27 ta' Frar 1960, li biha asteniet ruħha milli tiddeċidi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali, għax rinunzjata, u ddikjarat lill-konvenut ħati ta' żball minħabba negliġenza gravi u leġġerenzza li ma hix konfaċenti għall-professjoni tiegħu fl-għemil tiegħu professjonali fl-okkażjoni msemmija fl-att taċ-ċitazzjoni, u tirrendieh responsabbli għad-danni; liema danni l-attur illimita għas-somma ta' £169.8.9 fuq preċiżata, u konsegwentement ikkundannatu iħallas is-somma mitluba, bl-imgħax legali domandati, u bl-ispejjeż tal-kawża;

Dik il-Qorti kkunsidrat;

Mill-att promotorju tal-ġudizzju jirriżulta fuq liema

fatti l-atturi qegħdin jibbażaw it-talba tagħhom kontra l-konvenut;

Illi in tema legali jingħad li, skond l-art. 1074, 1075 u 1076 tal-Kodiċi Ċivili, li hija l-liġi komuni applikabbli għal kulħadd indistintament, "kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu"; u "jitqies fi ħtija kull min fl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja"; u "kull min...... mingħajr ħsieb li jagħmel deni...... b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb...... jagħmel jew jonqos li jagħmel id-doveri mposti mill-liġi, huwa obligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġi minn hekk". Liema prinċipji jabbraċċjaw l-attijiet ta' kommissjoni kif ukoll ta' ommissjoni. Il-limiti tar-responsabbiltà huwa dak rikjest u li jitnissel mill-prudenza, diliġenza u ħsieb tal-"bonus pater familias", u mhux akbar, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa fill-liġi;

Illi d-dottrina u t-teorija tal-iskużabbiltà tal-iżbalji ("errori") professjonali ma ħolqitx speċi oħra ta' ħtija oltre dawk rikonoxxuti mill-liġi komuni; imma, minħabba d-diffikultajiet li jirrikorru dwar it-tfittxija tal-ħtija fl-iżbalji li jaqgħu umanament fihom l-eżerċenti tal-artijiet liberali, u ċjoè il-professjonisti, stabbiliet kriterju prattiku; l-għaliex, mentri mill-banda l-waħda mhux ġust, u mhux anqas raġjonevoli, li jkun ritenut li professjonista għandu jkun dejjem ritenut assolutament responsabbli, mill-banda l-oħra huwa per lo meno altrettantu assurd u inċivili li jiġi sostnut li hu qatt ma għandu jiġi ritenut responsabbli, tkun kemm tkun gravi u kbira l-imperizja, l-imprudenza, l-inkurja u l-leġġerezza, li mill-provi tiġi addimostrata li huwa jkun adopera fl-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu fil-każ in konkret;

Illi kien għalhekk li ġie fil-prattika mid-dottrina suġġerit li l-att tal-professjonista li jkollu l-effett dannus, irid jiġi eżaminat intrinsekament fl-isfond tax-xjenza jew arti ta' min jikkommettieh jew jintrapprendieh. Infatti, din il-Qorti ma taħsebx li jista' jiġi dubitat li l-professjonista li jittraskura l-formalitajiet indispensabbli u perentorji, jew juri negliġenzi oħra fl-eżerċizzju tal-professjoni, jew

jirrivela njoranza li mhix perdonabbli u lanqas tista' tiġi immaġinata fih, fil-kwalità tiegħu, huwa indubbjament, anki skond il-liġi komuni, ikun tenut għall-attijiet tiegħu; l-għaliex dawk il-fatti jew atti, u ommissjonijiet, jistgħu u huma b'viġilanza personali possibbli li jiġu evitati (ara Appell 2 ta' April 1951 in re "Victor Savona ne. vs. Dr. Asphar", u Appell 6 ta' Diċembru, recte Ottubru, 1958, in re "Carmelo Agius Fernandez vs. Dr. Filippo Nicolò Butigieg"); imma mill-banda l-oħra, jekk l-iżball tiegħu jkun dovut għall-imperfezzjoni tal-istess xjenza jew arti minnu eżerċitata, l-għaliex fuq kwistjoni ġuridika huwa jabbraċċja ħsieb ta' skola anzikkè ta' oħra, jew l-għaliex il-Qorti ma tkunx taqbel mal-parir tiegħu, jew għaliex il-punt ta' dritt ikun dubbjus jew kontrovers, ċertament l-istess eżerċenti ma għandux ikun ritenut responsabbli; l-għaliex huwa, se maj, ikun ħa żball, imma ma jiġix b'hekk li ma wżax id-diliġenza li trid il-liġi (ara Appell 16 ta' Frar 1945 in "Butigieg vs. Hirst ne."; Appell 13 ta' Frar 1905 in "Cremona utrinque"; Prim'Awla Ċivili 19 ta' Frar 1935 in "Giovanni Fava vs. Notaro Giovanni Vella"; Appell 4 ta' Diċembru 1957 in "Zammit vs. Dr. Caruana"; u Prim' Awla Ċivili 23 ta' Lulju 1958 in "Mosè Tabone vs. Dr. Joseph Cassar Galea");

Ikkunsidrat;

Illi, stabbiliti l-prinċipji legali li fuqhom, fil-ħsieb ta' din il-Qorti, hija poġġuta l-azzjoni attriċi, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex teżamina l-fatti fid-dettall li taw lok għall-kawża;

Ikkunsidrat;

Illi l-kontendenti jaqblu li l-konvenut ġie nkarigat mill-attur, fil-kwalità tiegħu professjonali, għar-redazzjoni tal-kuntratt imsemmi fl-att taċ-ċitazzjoni. Jirriżulta wkoll li Giuseppe Grech, ir-raġel ta' Elena Grech, kien soltu jin-kariga l-konvenut, li kien soltu jħaddimlu flusu, u kellu fiduċja ċjeka fih. Il-konvenut jammetti li, meta ġie mogħti l-inkarigu, kien ġie vżat minn qabel li d-durata tal-enfi-tewsi, jew l-utili dominju li kien sejjer jinbiegħ, kienet ta'

ċirka minn 40 sa 43 sena (ara depożizzjoni tal-konvenut fol. 18 tergo tal-proċess tal-appell). Milli jidher, in-nutar mhux pożittiv jekk il-minuta kienetx ġiet imlestija minnu qabel ma marru għandu l-partijiet jew kienetx lesta biss in parti. Huwa fatt li l-kontendenti jaqblu li waqt il-publikazzjoni qamet kwistjoni, jew aħjar saret osservazzjoni, fuq id-durata tal-utili dominju li n-nutar kien niżżel ta' 55 sena ċirka, kif kellha okkażjoni li tosserva l-Qorti tal-Appell mill-ispezzjoni tal-minuta oriġinarja, u ssemma li ż-żmien li kien fadal kien xi ftit fuq l-40 sena (depożizzjoni tal-konvenut fol. 24). Anzi, skond l-attur (fol. 38 tal-proċess tal-appell), Giuseppe Grech kien li għamel dik l-osservazzjoni lin-nutar, u waqqfu naturalment mill-qari tal-att; imma n-nutar qallu li dik iċ-ċifra ma kienet xejn, u li huwa (in-nutar) daħħalha l-għaliex f'kuntratt ieħor tal-istess post kienet tniżżlet dik id-durata; u kompla jgħidlu, u naturalment jgħid anki lill-preżenti għall-att kollha, li "la hemm il-kelma 'ċirka', lilu (lill-venditur) ma kienet sejra tagħmillu ebda differenza, mentri lix-xerrej (Giuseppe Micallef) kienet tista' tiswielu, għaliex, jekk ikun hemm iżjed minn 42 sena ċens, il-post ma jaqgħax fuq il-Knisja, imma jibqa' tax-xerrej, u kien aħjar li wieħed jibqa' fuq ir-rieħ". Giuseppe Grech allura qal lin-nutar kliem li juri kemm kellu fiduċja fih. Giuseppe Xuereb huwa korroborat fis-sustanza tad-diskors li qal li semma n-nutar mill-fatt susseġwenti, meta nqalgħet il-kwistjoni u meta huwa mar għand in-nutar biex jara x'għandu jirrispondi għall-pretensjoni ta' Giuseppe Micallef, u n-nutar irrilaxxjalu n-notament li jinsab fil-fol. 32 tal-proċess tal-appell;

Jingħad ukoll li qabel ma ġie ffirmat il-kuntratt Giuseppe Micallef staqsa lin-nutar kellux bżonn jagħmel xi riċerki, u din in-neċessità, skond il-ħsieb ordinarju tal-ħajja, Micallef ħassha bi probabbilità kbira minħabba l-osservazzjoni ta' Giuseppe Grech lin-nutar fuq riferita; imma l-konvenut, li qal li ma kellux l-inkarigu jagħmel ir-riċerki, wieġeb lil Micallef:— "Ġa fittixtlek...... ta' x'hix ser nitħallas!" U fuq dik l-assikurazzjoni Micallef ħallsu (ara depożizzjoni Micallef fol. 45 tal-proċess tal-appell).

Micallef huwa korroborat mix-xhud Carmelo Filletti (fol. 46 u ta' wara tal-appell);

Ikkunsidrat;

Illi fil-ħsieb kunsidrat ta' din il-Qorti, in-Nutar Agius ma wżax dik is-savjezza fl-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu li kien imissu uża; anzi b'dak il-parir li ta lill-partijiet fl-att, meta huwa ma kienx għamel ir-riċerki meħtieġa, żbalja b'negliġenza kundannabbli; "multo magis" meta huwa kien qiegħed jirriferixxi ruħu għal kuntratt ieħor fejn huwa kien jaf li ma sarux riċerki. Jekk mbgħad il-Qorti toqgħod biss fuq id-depożizzjoni ta' Giuseppe Micallef, korroborat mix-xhud Filletti, il-pożizzjoni tan-Nutar imsemmi dwar ir-responsabbiltà tiegħu tippeġġjora ruħha ħafna; l-għaliex l-istess, għalkemm tibqa' fil-limiti tal-kolpa gravi, turi grad ta' responsabbiltà ta' natura aktar serja wkoll. Ma jistgħax jingħad li n-nutar ta sempliċi kunsill, l-għaliex huwa niżżel mill-ewwel id-durata ta' 55 sena, non ostante li Giuseppe Xuereb, kif in-nutar ammetta, kien qallu li kien fadal biss 42 jew 43 sena, u kwindi ma ħalliex l-għażla tal-menzjoni tad-durata fl-att lill-parteċipanti, imma mpona d-deċiżjoni tiegħu billi pperswadihom ma jalterawx dak li hu kien niżżel, u billi qalilhom li kien aktar vantaġġjus għax-xerrej li tissemma dik id-durata, li ma kienetx ta' ħsara lill-bejjiegħ l-għaliex dan kien kopert bil-kelma "ċirka". Min jagħti kunsill iħalli f'idejn il-konsiljat il-libertà u r-responsabbiltà tad-deċiżjoni; imma min jipperswadi bniedem li jkun jafda fih biex jagħmel dak li huwa jkun iddeċieda li għandu jsir, u dan jaċċetta minħabba fil-fiduċja li jkollu f'dik il-persuna, allura l-materja toħroġ mill-isfera tal-kunsill u tidħol fil-materja tal-parir; li, jekk jirriżulta żbaljat l-għaliex min jagħtieh ikun negliġenti, in kwantu ma kellux bażi soda fuqhiex ipoġġieh, meta seta' u kien possibbli li jkollu, allura dak il-professjonista li hekk jagħmel huwa tenut għad-danni skond il-liġi komuni;

Illi kwindi, fil-ħsieb kunsidrat ta' din il-Qorti, il-konvenut ta parir li rriżulta żbaljat b'negliġenza u leġġerezza mhux konfaċenti għall-professjoni tiegħu; l-għaliex huwa

kien fil-possibbiltà, per mezz tar-riċerki fir-Reġistru Publiku, li jkun jaf kemm fil-fatt kienet id-durata tal-utili dominju *in* kwistjoni; u per konsegwenza huwa responsabbli għad-danni;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qiegħed jitlob id-danni għall-ispejjeż u sorte tal-kawża li ġiet deċiża fl-appell fuq menzjonata, u mhux qiegħed jirreklama danni oħra;

Illi mid-dok. "A" fil-fol. 5 tal-proċess jirriżulta li ħallas lill-avversarju tiegħu, bħala sorte u spejjeż, £114.1.10; lill-avukat tiegħu, dok. "B" fol. 6, £53.19.11; mid-depożizzjoni tiegħu tad-9 ta' Jannar 1960, 10s.; mill-ittra uffiċjali tas-27 ta' Awissu 1954, 17s.1d. Total £169.8.10;

Rat fol. 64 in-nota tal-konvenut, li biha ddikjara li jinterponi appell, u fol. 65 il-petizzjoni tiegħu, li biha talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Sabiex l-attriċi tassoda l-azzjoni tagħha hu neċessarju li hija tipprova li l-indikazzjoni tal-perijodu restanti taċ-ċens "de quo", bħala ta' 55 sena, saret fuq parir tal-konvenut; u f'każ affermattiv, li dan il-parir kien l-effett ta' inkurja gravi ("gross negligence") mill-parti tal-istess konvenut;

Issa, mill-provi tal-kawża l-oħra ("Micallef vs. Grech et.", deċiża minn din il-Qorti fis-16 ta' Ġunju 1958), li għalihom saret riferenza, u mix-xhieda tal-konvenut f'din il-kawża fol. 24 u 24 tergo, jirriżulta li kien hu li ta dak il-parir. Il-konvenut difatti jgħid:— "...... u jiena komplejt ngħidlu li l-aħjar ħaġa nagħmlu hekk għaż-żmien (għal ħamsa u ħamsin sena), però nżidu l-kelma 'ċirka',

għax għalieh bħala venditur ma tagħmillux ħsara, u lill ieħor bħala kumpratur tista' tagħmillu ġid";

Lanqas jista' jkun hemm xi dubju li dan il-parir ġie mogħti lill-vendituri Grech (li tagħhom hi eredi l-attriċi); għaliex mill-provi fuq imsemmija jirriżulta eżuberantement li l-konvenut kien in-nutar ta' fiduċja tal-vendituri Grech, li kienu jinkarikawh anki per mezz tal-kunjatu Giuseppe Xuereb, żewġ l-attriċi binthom. Dan ammettieh l-istess konvenut fix-xhieda tiegħu fol. 18 tergo tal-proċess l-ieħor, u fix-xhieda l-oħra tiegħu, in kontro-eżami, mogħtija f'dan il-proċess quddiem din il-Qorti fil-25 ta' April 1960; minbarra li jidher mill-provi l-oħra;

Il-konvenut iċċita wkoll it-Troplong, Dto. Civ., Mandato, Vol. I, p. 14, para. 26; iżda dak il-paragrafu għandu jittieħed mhux iżolatament, imma fil-kontest tal-istess argument trattat fil-paragrafu ta' qabel. Tant hu hekk li f'dak l-istess paragrafu ssir riferenza mit-Troplong għall-para. 19, li fih jgħid appuntu:— "Sonvi in questa materia migliaia di circostanze che possono rendersi interessanti e che il giudice non potrà trascurare". U f'dak l-istess paragrafu 19 dan l-awtur isemmi, bħala ċirkustanza mportanti, dik li l-klijent ikun għamel dak li għamel minħabba "l'interposizione di una persona la quale colla sua autorità desta la confidenza", u bħala effett tal-"ascendente" li dik il-persuna jkollha "sullo spirito del suo cliente"; liema opinjoni tal-Presidente Fabro t-Troplong, non ostante l-kritika ta' awtur ieħor; jgħid:— "Io non la credo meno solida";

Din il-Qorti, għalhekk, tirritjeni li r-responsabbiltà tal-konvenut għandha titqies in bażi tal-prinċipji ormaj paċifiċi in materja, u li hu għandu jiġi ritenut responsabbli jekk kien hemm mill-parti tiegħu nkurja gravi, jew "gross negligence";

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti taqbel mal-Onorabbli Qorti tal-Ewwel Is-

tanza li fil-każ in ispeċje tirrikorri din l-inkurja gravi, ossija "gross negligence"; u dan taħt dawn l-aspetti:—

1. Kien il-konvenut li, non ostante d-diffida li impliċitament kienet qegħdha ssirlu bir-rimarki li ġie pruvat li saru waqt il-publikazzjoni tal-kuntratt "de quo", fis-sens li ċ-ċens kien għad fadallu biss 42 sena, b'inizjattiva proprja ta l-konsult ("l-aħjar ħaġa nagħmlu hekk", fol. 24 tergo) li jingħad fl-att ħamsa u ħamsin sena bħala l-perijodu rimanenti tal-konċessjoni enfitewtika;

2. Kien naturali li dak il-konsult jiġi aċċettat mill-venditur Grech, bħala li kien ġej minn għand persuna tal-professjoni legali, u di pjù ta' fiduċja tagħhom bħala minnhom inkarigat dak inhar u f'okkażjonijiet qabel ukoll. Bħala dak li kien "iħaddimlu flusu" (ara proċess fol. 38 proċess l-ieħor), kien loġiku li l-konvenut ikollu ċertu axxendent fuq il-venditur Grech (li kien analfabeta), fis-sens li dan ikun faċilment dispost isegwi u joqgħod fuq il-parir tiegħu;

3. Il-konvenut ma llimitax ruħu għal dak is-suġġeriment, imma kompla jassikura lill-venditur Grech li d-dikjarazzjoni ta' ħamsa u ħamsin sena "għalieh bħala venditur ma tagħmillux ħsara" (fol. 24 tergo ta' dan il-proċess); liema assikurazzjoni ma setgħetx ma toperax fuq il-venditur fis-sens li sserraħlu moħħu kwantu għal xi temuti konsegwenzi;

4. Il-konvenut kien jaf li dik id-dikjarazzjoni ma kienetx qegħdha ssir b'xi fondament, imma kienet biss dovuta għall-fatt li fil-kuntratt li bih a loro volta l-konjuġi Grech kienu xtraw ftit xhur qabel dan l-utili dominju (fol. 9 ta' dan il-proċess) kien jingħad ukoll ħamsa u ħamsin sena. Imma dak l-att kien sar bil-ministeru tal-konvenut, u hu kien jaf li fl-okkażjoni tiegħu ma kienet saret ebda riċerka li kienet tiġġustifika dik id-dikjarazzjoni;

5. L-indikazzjoni saret bil-kelma "ċirka". Issa, anki jekk wieħed jabbwona favur il-konvenut li hu ma kienx jaf li fil-ġurisprudenza lokali din il-kelma tippermetti biss

tolleranza tal-ħamsa fil-mija, għax ma jistgħax jingħad li din hi ġurisprudenza komunement u ġeneralment konoxxuta, però anki profan jista' jara li kelma simili ma tistgħax żgur tkopri, fuq il-perijodu qasir ta' 55 sena, ammank ta' 13 il-sena, jew ta' kważi 24%. Del resto, aktarx li l-kelma "ċirka" kienet ripetizzjoni tal-istess kelma tal-kuntratt ta' qabel;

6. Kienet imprudenza kbira mill-parti tal-konvenut li f'dan il-kwadru ta' ċirkustanzi ma jirrakkomandax li jsiru riċerki regolari (anki jekk ma kienx inkarigat biex jagħmilhom qabel), jew almenu kien imissu jinserixxi favur il-klijenti tiegħu Grech xi klawsola ta' eżoneru għas-salvagwardja tal-interessi tagħhom;

7. In-nutar konvenut kien anki diffidat minn kliem ieħor li qallu x-xerrej Micallef qabel ma ffirma l-att. Xehed difatti Carmelo Filletti, fol. 47 tal-proċess l-ieħor, li dan Micallef, li deher titubanti, staqsa lill-konvenut jekk kellux bżonn "jara xi ħaġa oħra", u l-konvenut irrispondieh:— "Mela inti ta' xix sejjer tħallas flusek?";

F'dawn il-kontinġenzi din il-Qorti jidhrilha li kien hemm imprudenza tali mill-parti tal-konvenut li tammonta għal- inkurja gravi, ossija "gross negligence", u għalhekk hu jirrispondi għad-danni. Dwar l-ammont tad-danni ma ġiet elevata ebda kontestazzjoni, almenu f'din is-sede tal-appell;

Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell tal-konvenut u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellant.